# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1285/01**

**Anthony Baldacchino**

**vs**

**Brian Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta‘ Lm274.75 (mitejn u erba u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti debitu li jirrizulta minn skrittura datata 9 ta' Lulju 2001, kif ukoll kambjali mill-konvenut accettati u ffirmati, fil-konfront ta' vettura tal-marka Skoda li l-konvenut xtara u akkwista minghand l-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Graziella Bezzina tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fl-4 ta' Marzu 2002.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma ta' Lm117.75 (mija u sbatax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' kambjali skaduti u mhux mhallsa. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**